Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,969, 2 ta' Diċembru, 2022
Taqsima B

A.L. 320 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 605)

Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Kunsill għal Ħiliet Nazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 70(k) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Kunsill għal Ħiliet Nazzjonali u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Kunsill għal Ħiliet Nazzjonali, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 605.10.

Iżid artikolu ġdid mal-ordni prinċipali.

2. Minnufih wara l-artikolu 14 tal-ordni prinċipali għandu jiġi miżjud dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Assenjament ta' uffiċjali pubbliċi u reklutaġġ mal-Kunsill. Kap. 595.

15. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u ta' kull leġiżlazzjoni oħra, il-Kunsill għandu jkollu s-setgħa li jirrekluta l-impjegati tiegħu.

(2) L-uffiċjali pubbliċi kollha li huma ingaġġati mas-servizz pubbliku u li ġew assenjati mal-Kunsill għandhom jitqiesu li huma impjegati tal-imsemmi Kunsill bl-istess pattijiet u kundizzjonijiet li jkunu jipprevalu fid-data tal-ingaġġ tagħhom mal-Kunsill.".